MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 1204/2003/3

Kawza fil-lista: 42

**VH**
**vs**
**V N**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li prezentat fil-25 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu l-konvenut talab li t-talba ghas-separazzjoni personali maghmula fir-rikors promotur tigi sostitwita bit-talba ghad-divorzju fit-termini tal-artikolu 66F tal-kapitlu 16; u dan stante li l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba' snin, m'hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, u li l-manteniment provvizorju ghat-tfal minuri qed jithallas regolament;

Rat li l-attrici ghat-talba maghmula mill-konvenut fir-rikors odjern;

Illi peress li f'dan l-istadju l-kondizzjonijiet stipulati fl-artikolu 66B tal-kapitlu 16 jidher li huma sodisfatti; t-talba tal-konvenut ghall-konverzjoni timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba u tordna li l-kliem "separazzjoni personali" fl-att tac-citazzjoni, fil-kontro-talba u fin-nota tal-eccezzjonijiet jigu sostitwiti bil-kliem "divorzju" ai termini tal-artikolu 66F tal-kapitolu precitat.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------